**QORTI TAL-MAGISTRATI ( MALTA )**

BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI

MAGISTRAT:

DR JOSEPH CASSAR BA., LL.D.

**Il-Pulizija**

(Spettur Antonello Grech / Spettur Maurice Curmi)

**vs**

**Robert Farrugia.**

Illum 10 ta` Lulju 2002.

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-imsemmi Robert Farrugia ta' 30 sena, bin Joseph u Angela nee' Falzon, imwieled Pieta' fil-31.03.70, u joqghod ,'Sweetheart', Wesgha Frangisk Bugeja Zurrieq, detentur tal-Karta ta' l-identita Nru. 159170 (M).

talli f'dawn il-gzejjer, f'dawn l-ahhar xhur, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizjoni tal-Ligi u li gew maghmulin b' risoluzzjoni wahda :

Talli fid-29 ta' gunju 2000 bejn l-10:00 u 11:15 ta' filghodu fid-dwejra Ghawdex ikkommetta serq ta' diversi oggetti minn vettura bin-numru tar-registrazzjoni LAD- 853 ghad-detriment ta' Alan Ingham, david burton, Rowena Burton,Jorg Feuhmaer, Sonja Josch u Thomas Schroeder, liema serq hu kwalifikat bil-valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin (Lm 1000), u bix-xorta tal-haga misruqa, u dan ai termini tal-Artikoli 261, 267, 271, u 281 tal-Kodici Kriminali, kap. 9, tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli:

fis- 7 ta' Dicembru 2000, ghall- habta tat-2:30 ta' filghaxija f'Wied Iz-Zurrieq Qrendi ikkommettejt serq ta' diversi oggetti minnn vettura bin-numru tar-registrazzjoni DAK-443, ghad-detriment ta' Diego Gonzales Iglesias ta' nazzjonalita' Spanjola, liema serq hu kwalifikat bil-valur li ma jeccedix l-hames mitt lira Mlatin (Lm 500), u bix-xorta tal-haga misruqa , u dan ai termini tal-Artikoli 261, 267, 271, 280, u 281 tal-Kodici kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli :

fit-8 ta' Dicembru 2000, ghall-habta ta' nofsinhar fid-Dwejra Ghawdex ikkommetta serq ta' diversi oggetti minn vettura bin-numru tar-registrazzjoni SUB-011 ghad-detriment ta' Vicky

Shaw, Cecilia Magnustotter, liema serq hu kwalifikat bil-valur ; li ma jeccedix l-hames mitt lira Maltin (Lm 500), u bix-xorta tal-haga misruqa, u dan ai termini tal-Artikoli 261, 267, 271, 280 u 281 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9, tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli

fit-8 ta' Dicembru 2000 u fix-xhur ta' qabel xjentament f' Malta laqgha ghandu diversi oggetti jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar Malta jew barra minn Malta jew, xjentament b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew immexxihom, ai termin tal-Artikolu 334 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9, tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli:

Fis-7 ta' Dicembru 2000, f'tas-Sliema ghall-habta tat-3.30p.m. ghamilt falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi hloqt pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew jew helsien minn obbligi f'dawn l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijietjew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollom fihom jew kellom jippruvaw u cioe' ghamel falsifikazzjoni tal-firma ta' Diego Gonzales Iglesias fuq dokumenti u ricevuti ohra, u kif ukoll xjentement ghamelt uzu mill-istess atti, skritturi jew kitba falza u cioe' ghamel uzu ta'

Debit Card u dan bi ksur tal-Artikoli 183 u 184 tal-Kodici Kriminali tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar ukoll talli:

fis-7 ta' Dicembru 2000, f'tas-Sliema ghall-habta tat-3.30pm b'mezzi kontra il-Ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew kwalifiki foloz , jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-eziztenza ta', intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq hadiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika , ghamel qliegh ta' anqas minn Lm 500 ghad-detriment ta' Diego Gonzales Iglesias ai termini tal-Artikoli 308, 309 u 310 (1) tal-Kodici Kriminali Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli:

kiser id-dispozizzjonijiet tal-Artiklu 9 Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta moghtija lilu fid-9 ta' Frar 1999 mill-Qorti tal-Magistrati malta; liema sentenza saret definnnnnittiva u ma tistax iktar tigi mhassra.

Rat in-nota tal-Avukat Generali; ta' l-4 ta' April 2002.

Rat li l-akkuzat ma oggezzjonax li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja;

Rat l-atti u id-dokumenti;

Rat li fis-seduta ta' llum l-akkuzat ammetta l-akkuzi migjuba kontrih;

Issibu hati.

Rat l-Artikoli 261, 267, 271, 280, 281, 183 u 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u rat wkoll li l-hati kiser id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 9 tal-Kapitolu 152 stante sentenza ta' din il-Qorti tad-9 ta' Frar 1999.

Rat-Artikolu 9 tal-Kapitolu 152.

Semghet it-trattazzjoni tad-difiza u tal-prsekuzzjoni fejn kien hemm qbil li l-hati hallas u ghamel tajjeb kull hsara minnu maghmula u imsemmija fl-att ta' akkuza, kif ukoll beda jahdem biex bil-hidma jaqta zbalji ta' l-imghoddi.

Tiddeciedi li terga tapplika l-imsemmi Artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta b'dan li l-akkuzat ma jghamilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin mill-llum waqt li tfiehem lil-akkuzat li jekk jerga jonqos ikollha taghtih piena iebsa ferm aktar.

Vera kopja. (ft) Dr Joseph Cassar

MAGISTRAT

M. Mifsud, BA

Dep Reg.